Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.

Illum, 16 ta' Frar 2001.

Avviz Nru:844/99

Anthony Scicluna

Vs

Mario Mifsud

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas is-somma komplessiva ta' mitejn disa' u disghin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm299.25), in kwantu ghal mitejn u hamsa u sebghin liri Maltin (Lm275) prezz ta' frott lilu mibjugh u kkonsenjat, kwantu ghal ghoxrin liri Maltin (Lm20) bilanc minn somma akbar prezz ta' frott iehor lilu mibjugh u kkonsenjat u in kwantu ghal erba' liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm4.25) prezz ta' kaxxa tuffieh lilu mibjugha u kkonsenjati.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali registrata tal-24 ta' April 1999, u bl-imghaxijiet legali mit-3 ta' Mejju 1999 id-data tan-notifika tal-ittra prezentata mal-avviz sal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-4 ta' Frar 2000 biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni. U lanqas ma deher fit-12 ta' Mejju 2000. Ghaldaqstant wara li rat ukoll in-nota ta' riduzzjoni prezentata mill-atturi qieghda tilqa' t-talba attrici ghall-bilanc ta' mija u dsatax –il lira u hamsa u ghoxrin

centezmi (Lm119.25c) u ghalhekk qieghda tikkundanna lill-konvenut biex ihallas din is-somma ta' mija u dsatax-il lira u hamsa u ghoxrin centezmi (Lm119.25c) lill-attur.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mit-3 ta' Mejju 1999.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg